# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali

Pulizija

Supretendent Priscilla Caruana Lee

Vs

Tarquin Vella

8 ta’ Novembru 2022

Il-Qorti rat illi l-Imputat Tarquin Vella ta’ 26 sena bin Joseph u Maria Margaret nee Schembri imwieled Pieta nhar 22/08/1990 residenti gewwa Washington App flat 2 Triq ta’ Nawciera San Pawl il-Bahar numru tal-Karta tal-identita 405690 M u akkuzat li bhar id-9 ta’ Ottubru 2012 fil-Qorti ta’ Malta fil-Belt Valletta.

1. Ta xhieda falza fil-proceduri kriminali dwar reat sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata u cioe` Jonathan Farrrugia.

Il-Qorti giet mitluba f’kaz ta` kundanna tapplika espressament il-piena ta’ interdizzjoni generali.

F-kaz ta’ htija il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat li rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’

Malta wara li gie misjub hati b’sentenzi moghtija mil-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula .

Rat li fis-17 ta’ Jannar 2017 inghata l-kunsensa mill-Ufficju tal-Avukat Generali ai termini tal- artikolu 370(4) tal-Kodici Kdiminali Kap 9  tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex il-proceduri odjerni jigu trattati bi procedura sommarja.

Semghet fit-8 ta Novembru 2022 is-Supretendent Pricilla Caruana Lee fejn qrat l-akkuzi bil-gurament u ezebit ir-rifjut tal-parir legali Dok A Staqarrija Dok B u sentenza Dok C.

Semghet ukoll lill-istess imputat li kien debitament assistit jammetti l-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat-L-atti kollha tal-kas.

**Ikkunsidrat**

L-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u dana wara li l-Qorti wissitu bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijet kontestati lilu inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista` tkun anki wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anki jikkonsulta mal-avukat difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammizzjoni registrata minnu semghet lill-imputat itenni li huwa hati tal-imputazzjonijet migjuba kontrih.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 104 u 105 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal- sena(1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali  Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti Spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt l-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**